# IL-PRESEPJU

Ħarġa 88 - April 2016



**Fuljett maħruġ mill-**
**Għaqda Ħbieb tal-Presepju - Malta**

c/o Amaltea, 56, Triq il-Marg, Attard ATD 2382 - Malta

Newspaper Post

Fuljett maħruġ kull tliet xhur
mill-Għaqda
Ħbieb Tal-Presepju,
Malta.

VO/0844

*Kull korrispondenza
għandha tiġi indirizzata*
lis-Segretarju,
is-Sur Charles A. Bellia
'Amaltea'
56, Triq il-Marġ,
Attard ATD 2382,
Malta

**IL-PRESEPJU**
jitqassam lill-membri
tal-Għaqda u għalhekk
biex tirċevih ħallas
il-miżata ta' €5 kull sena
lill-kaxxier.
Kontribuzzjonijiet oħra
tagħkom ħalli jinfdew
il-ħlasijiet ta'
l-istampar huma ferm
apprezzati.

Apprezzament speċjali jmur
għas-Sinjura Jessie Chircop
li ħadet ħsieb
il-'proof-reading'

# Werrej

L-Editorjal ........ 3
Kelmtejnmill-President ........ 4
Bdejna Sena Gdida ........ 6
Il-Presepju fis-Sajf ........ 7
Dikjarazzjoni ta' Kunsens ........ 10
L-Arti u l-Ġrajja tal-Milied ........ 11
Il-Milied fir-Repubblika Ċeka ........ 13
Il-Presepju Jgħin lil Sandra ........ 14
Avviżi ........ 15

**Stampat:** BEST Print CO. LTD
Żurrieq Road, Qrendi.
Tel: 2168 0789, 2164 9012
bestprint@maltanet.net

**Setting:**
**Aldo Busuttil**

**L-Għaqda Ħbieb tal-Presepju Malta, tixtieq tirringrazzja lil kull min kiteb f'din il-ħarġa tal-fuljett.**

# L-Editorjal

Il-kelma refuġjati llum il-ġurnata qiegħda fuq fomm kulħadd. Tiftaħ il-gażżetta jew tixgħel it-televixin ħlief stejjer u filmati ta' nies jaħarbu minn sitwazzjonijiet tal-gwerrer, ħruxijiet u tmexxija bla qalb tad-dittaturi ta' pajjiżhom ma taqrax u ma tarax. Taħseb u tgħid donnu dan il-bniedem, li Alla ħalqu f'ġenna tal-art fejn kien jgħix f'armonija man-natura u l-bhejjem selvaġġi tilef kull sens ta' raġun u xettel ġo fih din il-ħdura u mibgħeda lejn kull aspett ieħor tal-ħajja. Possibli dan il-bniedem li suppost matur u jirraġuna, tilef id-dinjita tiegħu u ġie jaqa' u jqum jekk hux ser iweġġa' lil ta' madwaru? Possibli li wasalna f'dan l-istat? Ma nafx.....

Il-ġrajja tallum ma hijiex l-ewwel waħda fl-istorja tal-bniedem. Il-ġrajja tul is-sekli rrepettiet ruħha kemm-il darba. Fil-kas tagħna, l-Madonna u San Ġużepp kellhom jaħarbu minn Betlem u jmorru jfittxu kenn f'art oħra. Għal fejn? Għax kien hemm min ried li jaħsad lil-Ġesù minn wiċċ id-dinja biex jibqa' jirrenja hu. Dawn l-atti ta' bluha kemm jafu jġibu gwaj fuq min jġarrabhom. Qed inġib quddiem għajnejja lil Madonna meta l-Anġlu wissa lil-Ġużeppi u ordnalu biex ilebbet il barra minn Betlem u jitlaq fis-satra tal-lejl lejn l-art ta' l-Eġittu. Min jaf x'ħass x'ħin sab ħajtu u ħajjet il-familja tiegħu mhedda minn bniedem krudil, li ħalef li jeqred lit-tfal kollha ta' taħt is-sentejn. Qed inġib quddiem għajnejja l-konfużżjoni li kien hemm f'dik id-dar meta ħabta u sabta Ġużeppi qajjem lit-tarbija Ġesu' u 'l ommu Marija u telqu b'ta' fuqhom senduqhom lejn l-Eġittu. Qed inġib quddiem għajnejja l-familja Mqaddsa maħsuda, għajjiena, mifxula bil-ħmara fidila jħaffu l-pass qabel jilħquhom is-suldati ta' Erodi. Quddiemhom baħħ..... futur imċajpar.

Hekk qed naqraw u naraw li qed jiġrilhom ir-refjuġjati minn kull rokna fejn hemm il-konflitti. Nies jinqdew mis-sitwazzjoni prekarja ta' dawn l-imsekjnin biex iħaxxnu buthom. Jgħidulhom li fl-Ewropa ser isibu l-ilma jiżfen. Jieħdu s-sogru u jterrqu f'nofs ta' baħar għal futur aħjar. Imsieken!! F'liema stat jinsabu.

Ma kienx il-ħsieb li nikteb dawn l-erba' kelmiet. Iżda nħoss li tajjeb li wieħed jieqaf u japprezza dak li għandu. Inħarsu lejn kull bniedem minn lenti oħra u napprezzaw it-tajjeb ta' ġo fih. Ma għandniex għax nibżgħu nesprimu l-opinjonijiet tagħna għax naħsbu li ser niġu ppersegwitati. Illum int u għada jien. Għalhekk nirrispetaw lil xulxin.

L-Għid it-tajjeb lil kulħadd

**Frans Chircop**

**Editur**

# *Kelmtejn mill-President*



**Andrew Spiteri**
**President**

Kif intom ħbieb?

Ftit tal-ġimgħat ilu kellna l-Laqgħa Ġenerali Annwali...kienet laqgħa kemxejn imqanqla, imma issa, wara li l-membri preżenti ddeċidew bil-vot sigriet tagħhom il-linja li ser nimxu fuqha, kulħadd irid jiġbed l-istess ħabel. Huwa fatt li f'kull għaqda jkun hemm ħsibijiet differenti dwar xi punt partikulari. Dan jista' joħloq xi ftit tad-diżgwid, iżda meta finalment tittieħed deċiżjoni, kulħadd irid jimxi fuqha mingħajr ħars ikrah jew diskors bla bżonn. Nittama, anzi nħossni ċert li l-interess ta' kulħadd huwa wieħed :– li l-Għaqda tibqa' miexja 'l quddiem fl-għanijiet tagħha. Jekk inhu hekk faċli nibdlu dawn id-differenzi f'opportunitajiet li jgħinuna nħarsu 'l quddiem.

Din is-sena l-Kunsill Amministrattiv ser ikollu jiffaċċja regoli li ġejjin minn Awtoritajiet barra l-Għaqda. Diġa qed ikunu studjati metodi kif dawn ir-regoli jistgħu jkunu amministrati. Barra minhekk, bħal ma semmejna f'ħarġa oħra tal-fuljett, din is-sena għandna ċ-ċelebrazzjoni tat-30 Anniversarju mit-twelid tal-Għaqda tagħna u ftit xhur wara nkunu għaddejjin bl-aħħar preparazzjonijiet biex nipparteċipaw fil-Valletta2018. Dwar dawn it-tliet sfidi, nitkellmu aktar fil-ħarġiet tal-fuljett li jmiss, u jekk jinħass il-bżonn anke nagħmlu laqgħa apposta.

Għalhekk ma nistgħux noqogħdu nintilfu f'diskussjonijiet bla bżonn li ma jsolvu xejn u jistgħu jitqiesu ħela ta' ħin prezzjuż.

Fi żmien qasir ser nibdew l-attivitajiet annwali marbuta mal-presepju bħal ma huma l-lectures u l-kors. Il-preparamenti mexjin sew. F'dan il-fuljett issibu d-dettalji kollha. Ikun jonqos biss li intom il-membri tattendu u tgawdu mill-frott li attivitajiet bħal dawn jipproduċu.

Nittamaw li bħal ma ġara s-sena l-oħra, il-preżenza tagħkom għall-lectures tkun waħda tajba!

Sadanittant inselli għalikom.

Andrew.

# Il-Lectures

Din is-sena erġajna ser noffru lill-membri tagħna tliet taħditiet interessanti li ma jagħmlux għajb lil dawk tas-snin li għaddew.

L-interess muri fl-aħħar snin għamlulna kuraġġ biex flok wirjiet dwar l-użu tal-karti u ġablo, il-lectures ikunu aktar marbuta mal-aspett kulturali tal-presepju u t-tradizzjoni tiegħu.

Minn issa nirringrazzjaw lill-kelliema li ġentilment aċċettaw l-istedina biex jindirizzaw lill-membri tal-Għaqda tagħna.

Inħeġġukom biex tattendu numerużi biex flimkien inkomplu nkabbru l-kultura tal-presepju fi gżiritna.

| | |
|---|---|
| ***ERBGHA***<br>***11 ta' Mejju, 2016***<br>***fis-600 p.m.*** |  L-Istorja tal-Presepju!<br>Kif inxtered... kif evolva? Studju u riċerka magħmula mill-kelliem innifsu.<br>Kelliem: **Sur ALEX POWELL** |
| ***ERBGHA***<br>***18 ta' Mejju, 2016***<br>***6.00 p.m.*** |  Xogħol bil-kartapesta.<br>Użu tal-kartapesta biex isiru statwi, blat, ecc. Materjal użat u preparazzjoni qabel tibda tibni.<br>Kelliem: **Sur CARLO OLIVARI DEMANUELE** |
| ***ERBGHA***<br>***25 ta' Mejju, 2016***<br>***6.00 p.m.*** |  L-aspett reliġjuż tal-pastur Malti. Ir-relevanza tiegħu ma' dak li ġara f'Betlem. Kemm qed jgħin biex jasal il-veru messaġġ tal-Milied?<br>Kelliem: **Fr GINO GAUCI** |

N.B. Qabel kull lecture jintwerew filmati dwar diversi fażijiet mill-bini tal-presepju. Dawn il-filmati jibdew fil-5.15 p.m.

**Website: www.presepjumalta.org**

# Bdejna Sena Gdida

Nhar id-9 ta’ Jannar li għadda iċċelebrajna dak li nafuh bħala “Għeluq is-Sena 2015”. Effettivament dan  ma jkunx eżattament tmiem is-sena; ikun fadal attivita oħra li biha ngħaqqdu s-sena li tkun spiċċat ma’ dik li tkun qed tibda għall-Għaqda tagħna.

Qed nirreferi għall-Laqgħa Ġenerali Annwali li din is-sena żammejna fis-Sala San Franġisk fil-bidu ta’ Marzu. Hija attivita mitluba mill-Istatut tal-Għaqda u li matulha nitkellmu dwar dak li flimkien inkunu wettaqna matul is-sena li tkun għaddiet u nħarsu ‘l quddiem lejn it-tnax -il xhar li jkunu ġejjin. Kif ikun mistenni parti sew mill-ħin tal-laqgħa jittieħed mill-qari tar- rapporti u d-diskussjoni dwarhom.

Kull sena nippruvaw inqassru ftit ir-rapporti, imma llum l-attivitajiet tal-Għaqda żdiedu sew u għalhekk ikun meħtieġ li jingħataw dettalji dwarhom biex il-membri jitħeġġu dejjem aktar. Min-naħa l-oħra l-membri preżenti juru interess billi jitolbu kjarifiki jew aktar dettalji dwar xi punt partikolari.  Xi kummenti favur xi attivita li tkun saret jew kontra tagħha ġieli saru wkoll. Ma jonqosx dak l-individwu li , forsi bla ma jaf, ikun qed itellef il-ħin b’xi kumment irrelevanti. Imma l-ħajja għalhekk sabiħa, għax hija mħallta b’elementi differenti. Importanti li min imexxi jkun kapaċi jagħraf u jikkontrolla l-elementi negattivi.

Il-Malti jgħid li l-ġurnata minn filgħodu kmieni tibda. Qabel ma bdiet il-laqgħa rajna attivita mhux tas-soltu. Xi ħadd ikkumenta li fil-kamra ta’ barra kien hemm il-qrar! Tfaċċaw ukoll uċuħ li kien ilna ma narawhom fl-attivitajiet tal-Għaqda. Indikazzjoni li l-interess qed dejjem jiżdied?  Żgur li din hi x-xewqa ta’ kulħadd!

Bħal kull sena l-membri tal-Kunsill jaħsbu minn kmieni biex iħejju dawk l-attivitajiet li jmexxu l-għanijiet tal-Għaqda ‘l quddiem, u għal din is-sena, meta l-Għaqda Ħbieb tal-Presepju – Malta tagħlaq 30 sena ta’ ħajja, ma setax jonqos li jkunu ppreparati attivitajiet biex ifakkru dan l-avveniment.  Tletin sena ta’ ħidma kontinwa biex jintlaħqu għanijiet nobbli favur il-kultura tal-presepju  mhux ta’ min jarmihom.. Il-Kunsill xtaq kieku jwassal u jieħu l-opinjoni tal-membri dwar dawn l-attivitajiet fil-Laqgħa Generali, imma sfortunatamnet il-ħin għal dan ma nstabx, jew aħjar ittieħed minn suġġett ieħor li wħud ħassew kien aktar rilevanti jekk mhux ukoll urġenti! Id-diskussjoni dwar dan twalet xi ftit iżżejjed u l-programm tal-attivitajiet tħalla għal konklużjoni f’idejn il-Kunsill.

Dwar dan nitkellmu ‘l quddiem meta l-programm ikun konkluż. Nittamaw li l-parteċipazzjoni tal-membri, bħas-soltu, tkun waħda tajba.

# Il-Presepju fis-Sajf

Issa daħal sew fil-kalendarju tagħna u sena wara l-oħra qed insibu li l-popolarita tiegħu qed tiżdied. Qed nirreferi għal-kors dwar il-bini tal-presepju! Kull sena n-numru ta' parteċipanti qed jikber u l-Kunsill Amministrattiv ikollu jħabbel moħħu biex jara kif ser jakkomoda l-applikanti kollha. B'xi mod jew ieħor dejjem irnexxielna...anke jekk ikollna noħolqu żewġ gruppi.

Din is-sena l-kors mistenni jibda nhar l-**Erbgħa 8 ta' Ġunju, 2016** u f'paġna 8 ta' dan il-fuljett issibu l-formola tal-applikazzjoni.

Bħal ma naħseb tafu, għalkemm l-Għaqda tagħna hija awtonoma minn kull aspett, il-post fejn isiru l-attivitajiet huwa propjeta tal-Patrijiet Franġiskani. L-Awtoritajiet Maltin ħarġu regolamenti dwar dawn il-postijiet u l-attivitajiet li jsiru fihom. Dawn ir-regolamenti jorbtu b'mod partikolari lil dawk il-membri u oħrajn li jkunu għadhom minorenni – ma għalqux 18 -il sena. Dawn it-tfal u żagħżagħ ser ikollhom bżonn il-permess tal-ġenituri kemm biex isiru membri kif ukoll biex jieħdu sehem fl-attivitajiet ta' xi għaqda partikolari. Dawn ser ikollhom jimlew ukoll il-formola li hemm f'paġni 9 u 10.

Ir-regolamenti tagħna biex wieħed jattendi l-kors ser jibqgħu l-istess kif jidher hawn taħt.

**L-Applikazzjonijiet jridu jintbagħtu lis-Segretarju, 56, Amaltea, Triq il-Marg, Attard ATD 2382 sa nhar is-Sibt 21 ta' Mejju, 2016.**

1. Il-lezzjonijiet isiru kull nhar ta' Erbgħa mill-5.30 p.m. sas-7.15p.m.
2. L-Għaqda ser tipprovdi l-materjal meħtieġ biex jinbena l-presepju, iżda kull parteċipant irid jipprovdi l-għodda tiegħu, e.ż.: sikkina, pniezel u masking tape/toothpicks. Aktar dettalji jingħataw waqt l-ewwel lezzjoni.
3. Jintalab ħlas ta' €10 mingħand membri li jkunu regolari fil-ħlas tal-miżata u €20 mingħand membri oħra u persuni li m'humiex membri. Dan il-ħlas isir waqt il-lecture ta' nhar l-Erbgħa 27 ta' Mejju, 2016.
4. Il- Kunsill Amministrattiv tal-Għaqda jkollu d-dritt li jitlob li kull presepju mibni waqt il-kors jipparteċipa fil-Wirja Annwali li ssir f'Diċembru 2016.
5. F'każ li n-numru tal-parteċipanti jaqbeż dak mixtieq, tingħata preferenza lill-persuni li qatt ma attendew xi kors tal-Għaqda qabel.
6. Il-kors huwa miftuħ għall- membri u ħbieb minn 10 snin 'il fuq.
7. Persuni li ma jkunux qed jipparteċipaw fil-kors ma jitħallewx jidħlu fis-sala waqt il-lezzjonijiet.

# GĦAQDA ĦBIEB TAL-PRESEPJU

**Malta**

**Reg. No: VO/0844**

Applikazzjoni għal Sħubija ☐ UŻA ITTRI KAPITALI

Applikazzjoni għal Kors 2016 ☐

*Isem:* ________ *Kunjom* ________

***Nru. ID*** ________ ***Data Twelid*** ________

***Nru tad-Dar*** ________ ***Tel u Mob*** ________ ________

***Isem tad-Dar*** ________

***Isem tat-Triq*** ________

***Belt/Raħal*** ________ ***Post Code*** ________

***eMail:*** ________

***Liema Kors tippreferi?*** ***Jablo*** ○ ***Kartapesta*** ○

***Attendejt xi kors qabel?*** ***IVA*** ○ ***LE*** ○

***Qatt ħdimt xi presepju?*** ***IVA*** ○ ***LE*** ○

***Firma tal-Applikant*** ........................................................ ***Data*** .................................

***Ara l-Formola ta' Kunsens fil-Paġni li jmiss.***

# GĦAQDA ĦBIEB TAL-PRESEPJU

**Malta**

**Reg. No: VO/0844**

**FORMOLA TA' KUNSENS**

*N.B.* **Jekk il-persuna li d-dettalji tagħha jidhru fuq l-Applikazzjoni marbuta ma' din il-formola hija taħt it-18 -il sena, id-dettalji ta' hawn taħt huma wkoll meħtieġa biex l-istess persuna tkun aċċettata skond l-applikazzjoni. Grazzi.**

**Isem it-tifel/tifla** **Nru ID** ____________________

---

**Ġenitur/i / Kuratur/i li għandu/ha/hom il-kura u kustodja tat-tifel/tifla:**

1. **Isem** ____________________ **Kunjom** ____________________

   **Relazzjoni mat-tifel/tifla** ____________________

   **Nru. Mob.** ____________________ **Nru I.D.** ____________________

2. **Isem** ____________________ **Kunjom** ____________________

   **Relazzjoni mat-tifel/tifla** ____________________

   **Nru. Mob.** ____________________ **Nru I.D.** ____________________

---

**Kuntatt f'każ ta' Emerġenza**

1. **Isem** ____________________ **Kunjom** ____________________

   **Relazzjoni mat-tifel/tifla** ____________________

**Nru Mob:** ____________________

Tkompli f'paġna 10

## *Informazzjoni Medika*

It-tifel/tifla tuża xi mediċini jew tbati minn xi kundizzjoni medika jew allerġiji, eż. allerġiji għal xi ikel, li għandha tkun taf bihom l-Amministrazzjoni tal-Għaqda Ħbieb tal-Presepju - Malta? Jekk IVA għati dettalji hawn taħt:

| |
|---|
| |

# *Dikjarazzjoni ta' Kunsens*

Jien, ......................................................... bin-Nru. ta' Identità ......................., nagħti l-kunsens tiegħi biex ibni/binti j/tibda j/tagħmel parti bħala membru mill-Għaqda Ħbieb tal-Presepju – Malta u bħala tali j/tattendi għall-attivitajiet kollha organizzati mill-Kunsill Amministrattiv tal-istess Għaqda.

Il-kunsens li qed nagħti japplika għall-attivitajiet kollha organizzati kemm ġewwa kif ukoll barra. Meta ma nkunx irrid li ibni/binti j/tattendi għal xi attività partikulari, jien nieħu r-responsabbiltà li ninforma personalment lis-Segretarju tal-Għaqda Ħbieb tal-Presepju – Malta.

Jiena nagħti l-kunsens tiegħi sabiex ibni/binti tirċievi l-ewwel għajnuna jew trattament mediku urġenti f'każijiet ta' emerġenza, meta ma nkunx nista' niġi kkuntattjat/a.

Qiegħed/qiegħda wkoll nagħti l-kunsens tiegħi sabiex il-President jew Segretarju tal-Għaqda Ħbieb tal-Presepju – Malta, jipproċessa l-informazzjoni kollha dwar ibni/binti, inkluża informazzjoni medika, meta dan ikun neċessarju fl-interess ta' ibni/binti.

Jiena, għan-nom ta' ibni/binti, nassumi personalment ir-responsabbiltà għal kull riskju assoċjat mal-parteċipazzjoni tiegħu/tagħha f'din l-Għaqda u nżomm lill-President u Kunsill tagħha ħielsa minn kull pretensjoni ta' danni assoċjati mal-parteċipazzjoni ta' ibni/binti f'dan il-grupp.

Isem il-Ġenitur/Kuratur .......................................................

Firma ................................................... Data .......................................

# L-Arti u l-Ġrajja tal-Milied

**Joe Camilleri**

Għalkemm ma tantx hawn altari, knejjes u kappelli ddedikati lit-Twelid tas-Sinjur tagħna Sidna Ġesu' Kristu, fil-knejjes parrokkjali u kunventwali hemm numru sabiħ ta' xogħlijiet artistiċi fejn il-ġrajja tal-Milied tidher fil-glorja tagħha.

## Pietru Pawl Rubens




Il-Kon-katidral ta' San Ġwann għandu sensiela ta' arazzi magħmulin fi Brussell. Tnejn minn dawn juru l-istorja tat-Twelid. Waħda minnhom turi l-Adorazzjoni tar-Rġħajja u fuq it-tieni waħda hemm l-adorazzjoni tal-Maġi. Żewġ arazzi li dehru fuq bolol ta' Malta, adattati għal fuq il-bolol mill-Kavallier E.V. Cremona li dehru fit-30 ta' Marzu 1977. Cremona rnexxielu jġib is-sbuħija kollha ta' dawn l-arazzi, ħaġa mhux faċli billi l-arazzi huma kbar u l-bolol huma żgħar.

## Stefano Erardi

Fil-knisja parrokkjali ta' Marija Bambina fin-Naxxar, sewwa sew fil-kor, hemm żewġ kwadri ta' interess partikulari dwar dan is-suġġett. Fuq naħa waħda tat-titular hemm l-adorazzjoni tal-Maġi u fuq in-naħa l-oħra hemm il-Familja Mqaddsa taħrab lejn l-Eġittu. Dawn iż-żewġ xogħlijiet huma kbar ħafna u ħarġu mill-pittur Stefano Erardi.

## Giuseppe d'Arena

Giuseppe d'Arena għamel żewġ kwadri oħra, din id-darba għall-knisja tal-patrijiet Karmelitani tal-Belt Valletta. Fuq wieħed minn dawn ix-xogħlijiet naraw l-adorazzjoni tar-Rgħajja u fuq l-ieħor hemm l-Adorazzjoni tal-maġi, jżejnu l-kor ta' din il-knisja ewlenija Beltija.

## Giuseppe Cali

Cali għamel l-istorja tat-Twelid ta' Ġesu fil-koppla tal-knisja parrokkjali tas-Salvatur ta' Ħal Lija, kif ukoll żewġ lunetti għall-knisja parrokkjali jew aħjar

ir-Rotunda tal-Mosta. Żewġ lunetti li dehru fuq il-bolol ta' Malta.




Dan kien qrib il-Milied tas-sena 1992, sewwa sew fit-22 ta' Ottubru ta' 1992. Ix-xogħol artistiku fuq il-bolla kien għamlu is-Sur Lawrence Buttigieg u ż-żewġ lunetti fuq il-bolol tat- 3ċ b'żieda ta' 1ċ u 10ċ b'żieda ta' 2ċ. F'wieħed minn dawn ix-xogħlijiet naraw it-Twelid tal-bambin u fl-ieħor hemm l-Adorazzjoni tal-Maġi.

Għall-knisja ta' Sant'Indrija l-istess pittur ħoloq kwadru fuq it-Twelid tal-Bambin. Dan jinsab fuq l-artal tal-Milied f'wieħed mill-kappelluni tal-knisja.

Filwaqt li għal Ħal Tarxien, Giuseppe Cali għamel żewġ affreski kbar-l-Adorazzjoni tal-Maġi u l-Ħarba lejn l-Eġittu, li ukoll dehru fuq il-bolol ta' Malta, sett li kien ippjanah il-Kavallier Emvin Cremona.

Fuq l-ewwel bolla naraw dettall tal-Adorazzjoni tal-Maġi u fuq it-tieni bolla hemm dettal ieħor meħud mill-pittura l-oħra, il-Ħarba lejn l-Eġittu. Filwaqt li żewġ bolol ta' wara juru x-xogħol kollu kemm hu sew għall-Adorazzjoni u sew dak tal-ħarba.

## Kavallier E.V.Cremona

L-artist ħadem parti mill-pittura tas-saqaf tal-knisja parrokkjali ta' San Ġużepp tal-Imsida. Għall-arzella tal-kappellun tal-Madonna tar-Rużarju hu għamel it-Twelid ta' Sidna Ġesu Kristu. Ta' min isemmi li fl-istess lokalità hemm knisja oħra dedikata din id-darba lill-Kunċizzjoni, li fiha pittura tal-Ħarba lejn l-Eġittu.

Dawn il-pitturi u arazzi dehru kemm -il darba fuq il-kartolini, tant li l-parroċċa tan-Naxxar darba ħarġet katolina li turi l-Adorazzjoni tal-Maġi, filwaqt li l-bqija tax-xogħlijiet dehru fuq kartolini maħruġa mill-gvern Malti.

Ta' min jgħid li dawn ix-xogħlijiet juru r-rispett li kellhom missirijietna lejn id-dar t'Alla, ħaġa li tgħolli l-patrimonju artistiku tagħna u tagħmel lil Malta waħda miċ-ċentri ewlenin għall-arti fl-Ewropa. Għalhekk għandna nagħmlu minn kollox biex nibżgħu għalihom ħalli jiġu apprezzati minn ġenerazzjoni għal oħra.

# Il-Milied fir-Repubbblika Ċeka

Iċ-ċelebrazzjonijiet prinċipali tal-Milied fir-Repubblika Ċeka jibdew fl-24 ta' Diċembru u jibqgħu sejrin sa-26 ta' l-istess xahar.

Għalhekk ejjew nitrattaw l-24 ta' Diċembru, il-jum li fih fiċ-Ċekoslovakkja jseħħu l-aktar ġrajjiet interessanti tal-Milied. Inibu t-tiżjin tas-siġra tal-Milied u tisjir ta' ċena speċjali. Naturalment, anki l-ftuħ tar-rigali sorpriża li jkunu ppakkjati f'kaxxi apposta jew f'kalzetti tal-Milied.

Iċ-Ċekoslovakki jippreferu jżejnu b'siġar veri milli dawk artifiċjali. It-tiżjin għalihom hu ideali u uniku kemm fil-forom u fil-matrjal użat. Issibilhom blalen żgħar tal-ħġieġ, djar ċkejknin, cones stilistiċi u varjetà ta' stilel u figurini maħdumin mill-qasab. Dan it-tiżjin ikollu kuluri differenti u dettaljat ħafna. Fis-sekli mgħoddija, in-nies kienu jarmaw is-siġra b'materjal naturali biss.

Ejjew issa nħallu s-siġra tal-Milied fil-kamra, li hi diġa msakkra biex Santa Klaws Ċekoslovakk (imsejjaħ Jezisek) ma jkollux min itellfu u nagħtu titwila fil-kċina fejn tkun imhejjija ċ-ċena tal-Milied. L-ikliet tradizzjonali jinkludu: aljotta; salad tal-patata b'ħut tal-ilma ħelu jew dumplings b'sauce iswed, platt imsejjaħ Kuba; kejk tal-Milied jew strudll bi kwantità ta pastini magħmulin id-dar.

F'xi familji li ma jiggustawx il-ħut, il-ħuta tal-ilma ħelu tibdel postha għall Wienerschnitzel, jew dundjan mixwi. Il-ħin ta' wara ċ-ċena hu dak ta' stennija għall-Milied, fejn id-daqq tal-qniepen ifisser li Jezisek ikun qassam ir-rigali. Naturalment, il-mużika u l-kant tal-għana tal-Milied jagħtu l-aħħar irtokk għall-atmosfera tal-Milied.

F'nofs il-lejl, il-festa kbira tkun ċelebrata fil-knejjes. Dakinhar, il-25 ta' Diċembru u l-għada huma festa. Ġeneralment in-nies iżuru lil qrabathom, ħbieb, jew imorru għal xi mixja.



## *Kun parti mill-fuljett...*

Ikkontribwixxi billi tibgħat xi kitbiet, novelli qosra, poeżiji, eċċ biex jiġu ppubblikati fuq "il-Presepju". Għandek xi kumment jew ilment dwar l-Għaqda? Tiddejjaqx, ibgħatulna bil-miktub. Sa fejn ikun possibbli nilqgħu is-suġġeriment tiegħek.

Nota żgħira....kitbiet li jistgħu joħolqu polemiki ma jkunux pubblikati.

# Il-Presepju Jgħin lil Sandra

**Marianne Tabone**

Kull sena fi żmien il-Milied Ms. Camilleri kienet iżżejjen il-klassi u ġġibha qisha Ġenna tal-art. It-tfal tal-klassi kienu jgħixu qishom fi presepju ħaj. Anke t-tfal ta' klassijiet oħra kienu jħobbu jiġu jagħtu daqqa t'għajn lejn din il-klassi avolja l-klassi tagħhom kienet tkun imżejna wkoll.



Din is-sena Ms. Camilleri bdiet tarma l-Presepju minn kmieni. Kienet tuża pasturi kbar ħafna li kienet taħdimhom hi stess u anke tqabbad it-tfal tal-klassi jaħdmu partijiet żgħar huma stess. Kulħadd kien imidd idu, hi stess, it-tfal u l-ġenituri tagħhom. Fil-ħin ta' nofsinhar ċerti ġenituri kienu jaslu sal-iskola u jmorru jitolbu ftit quddiem il-Presepju. Dan kien faċli għax il-klassi tagħha kienet wara l-bieb tal-iskola.

Din is-sena kien hemm nuqqas li nħass minn kulħadd. Sandra, tifla bi bżonnijiet speċjali kienet marida u f'dawn iż-żminijiet qaddisa kienet tinsab l-isptar. Nhar ta' Ħadd ftehmu erbat itfal li kienu ħbieb tal-qalb magħha u marru ħdejha. Sandra ħasset in-nuqqas tal-presepju tal-klassi. Xtaqet tagħti xi ħaġa biex tarah. Lucia, waħda mill-ħbieb li marret taraha, ġietha idea f'moħħha.

Il-ġimgħa ta' wara, Luċia, dik it-tifla bilgħaqal, wara nofsinhar, talbet lil Ms. Camilleri biex tieħu l-Madonna, San Ġużepp u lill-Bambin ħdejn Sandra. L-għalliema marret magħhom. Malli Lucia fetħet il-basket tal-plastik u armat it-tliet figuri fuq is-sodda ta' Sandra, dik wiċċha xegħel bil-ferħ.

Il-Bambin u l-familja qaddisa marru huma jarawha dik is-sena lil Sandra. Wara ftit ġranet it-tabib qalilha li kien se jibgħatha d-dar. Anqas hu ma basar li kienet se taqleb għall-aħjar daqsekk malajr. Il-ferħ speċjali li ġabilha l-Presepju għenha biex tirkupra. Ma damitx ma marret lura l-iskola.

Malli daħlet fil-klassi, marret hi ħdejn il-Bambin u pattiet talli qabel kienu marru huma ħdejha, il-Bambin. Marija u Ġużeppi. Kulħadd kien ċert li l-qawwa tal-Mulej f'dak il-presepju kien taha l-għajnuna biex tfiq.

# Il-Miżata

Sfortunatament kull sena numru, anke jekk żgħir, ta' membri jkollhom jitneħħew mill-lista tagħna għax jaqgħu lura fil-ħlas tal-miżata. Għalkemm dan il-ħlas hu żgħir - € 5 kbar u € 2 tfal – huwa bżonnjuż biex l-Għaqda tkompli tibgħatlek dan il-fuljett u tmexxi 'l quddiem l-għanijiet tagħha. Ibgħat is-sehem tiegħek bil-posta lis-Segretarju sat-30 ta' April, 2016. Grazzi.

# Għandek eMail?

Ibgħat l-indirizz tiegħek biex tirċievi l-avviżi tal-Għaqda aktar malajr!



L-eMail tagħna huwa: **charbel@onvol.net**

# www.presepjumalta.org



Dan hu l-indirizz tal-website tagħna! Idħol fih biex taqra dwar l-istorja tal-Għaqda, il-presepju, kif taħdem il-presepju u xi aċċessorji. Żur l-albums tar-ritratti u ġedded il-memorja tal-wirjiet annwali.

Għaddi l-indirizz lil ħbieb u qraba, speċjalment dawk imsefrin...ibqa żgur li japprezzaw.




PAĊI U SLIEM









